MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 07**

**Il-Ġimgħa, 06 ta' Diċembru 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ġimgħa, 06 ta'Diċembru 2024 fit-6:00 ta' filgħaxija. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**7.1 Talba;**

7.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-06:15 ta' filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**7.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

7.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**7.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

7.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 6.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, Il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**7.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

7.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 06/2024 ghal perjodu ta' bejn it-13 ta' Novembru, 2024 u s-06 ta' Diċembru, 2024 li tammonta għal €18,763.05 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

**7.5.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri:

7.5.1 Li kien sodisfatt bl'andament ta Jum il-Fontana u xtaq jirringrazzja lil kull min għen biex kelna serata different u sabiħa imdawrin mal-komunita. Is-sindku semma kif kemm il-*compare,* il-persuna li kitbet u qrat il-poezija kif ukoll dik li qrat silta mil ktieb ma ridu ebda tip ta ħlas. Is-Sindku xtaq jiproponi li nixtrulhom *hamper* kull wieħed, il-kunsill qabel unanimament;

7.5.2 Rigward it-tizjin ta Triq John Gaspard Le Merchant, sir jaf li fil-garaxx ta maġemb l-uffiċċju hemm l-arblil li s-soltu jintuzaw għal-armar. Il-*handyman* zebgħahom u fil-laqgħa ġew iprezentati erbgħa stimi biex intejbu l-livell ta tizjin ta din it-triq. L-arbli jinsabu diġa fil-post u jonqos biss li l-kunsill jikonferma b' liema stima irrid imexxi. Ġiet magħzula l-stima ta Chris Gauci;

7.5.2 id-diskussjoni ipproċedit fuq id-dawl fir-raħal u ġie diskuss xi possibilitajiet biex naraw kif naraw ll l-bozoz jinbidlu fi zmien qasir. Ġie deċiz li nfitxu xi *electrician* biex jibdel l-bozoz li hawn mhux jixgħelu peress li dawn fil-maġġoranza ilhom gimgħat sħaħ ma jaħdmux. Ġie diskuss ukoll il-possibilita li nkellmu lil enġinier biex jagħmel proċess ta evalwazzjoni dwar l-stat tal-fanali ta Triq il-Kappillan Hili;

7.5.3 L-applikazjonijiet ta *Easter in Gozo* jagħlqu fl-10 ta' Jannar. Is-sindku informa lil membri li ser issir laqgħa aktar il quddiem biex naraw x'tip ta attivita nistaw norganizzaw;

7.5.4 Waqt diskussjoni rigward il-proġett ta "Taħt ir-railing" f'punt 7.10.1, is-Sindku xtaq li titiħed nota f'dawn il-minuti dwar il-bzonn li qed jinħass li l-kunsill ikollu Perit tiegħu minflok is-sitwazzjoni prezenti li kull proġett għandu perit differenti. Il-membri prezenti dak il-ħin qablu unanimament;

**7.6 Tħawwil tas-siġar;**

7.7.1 Is-sindku spjega kif l-organizzajoni *Siġar* waqt laqgħa introduttorja mas-Sindku u s-Segretarju offrew lil kunsill biex jippartecipa f' proġett li huma qed jibdew, fejn iħawlu siġra fir-raħal. Fil-prezent nistaw nibenefikaw minn 5 siġar jekk jiġi approvat mill membri. Għal dan il-proġett ġejna offruti ħames (5) siġar li ser ikun ġejjin mil ministeru ta' Għawdex. *Siġar* taw is-sapport tagħhom u igwidawna kif għandna nipreparaw għal dawn is-siġar. Ġie irrakomandat li dawn jitħawlu fil-*playingfield*. Biex dan il-proġet jirnexxi hemm bzonn li titranġa l-*irrigation system* u naraw li qed taħdem kif meħtieġ għal dawn is-siġar. Il-membri qablu unanimament;

**7.7 Ħarġa tal-Milied għal-anzjani;**

7.7.1 Għal din l-attivita hu maħsub li morru naraw xi presepji madwar Għawdex, wara imorru quddiesa f'ta Lourdes u ikla fil-kazin tal-banda ta' Għajnsielem;

**7.8 Attivita – *Cooking with Santa*;**

7.8.1 Għal din l-attivita ser ikunu qed nibbenefikaw minn fondi ta elf u ħames mitt ewro (€1,500) wara ftehim li kien iffirmat mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Ġimgħa d-dieħla ser niltaqaw mal-persuna li ser tkun qed tikkordina l-proċess tat-tisjir u niddiskutu magħha l pjan tagħna u flimkien naraw kif l-aħjar li tiġi mqassma s-sala, etċ. Din l-attitivta ser issir it-Tnejn 23 ta' Diċembru;

**Il-Viċi Sindku informat lil dawk prezenti li ser ikolla titlaq.** Qabel ma telqet intalbet taqsam xi punti li forsi kellha għal din il-laqgħa peress li kien għadu ma wasalx il mument biex jiġu imresqa il-punti tal-kunsilliera. Hi semmiet ilment li kellha mingħand resident li xtaq li jiġi imċekken ħajt tas-sejjieħ li skond hu, bih mhux ikun jista joħroġ mill-garaxx. Il-kunsill ikonferma li din t-talba triq issir lil awtorita responsabli mill-izvilup u li l-kunsill f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma jistax jintervjeni;

**7.9 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

7.9.1 inqabzet peress li l-punti ġew diskussi fit-temi imsemmija qabel;

**7.10 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti;**

7.10.1 Is-segretarju resqet stima li rċievit dwar tqegħid ta *lava slabs* għat-taraġ tal-proġett ta "Taħt ir-railing". Din l-stima hi biex t-taraġ issir bil- lava slabs. Lis-stima tikonsisti ukoll l-ispejjez tax-xogħol involut. Is-segretarju ser tkun qed tikonferma mat-tender liema spejjez kienu diġa

ikkalkulati rigward dan ix-xogħol u terġa tiġi diskussa din it-tema fil-laqgħa li jmiss;

7.10.2 Is-segretarju ressaq rikjesta li kellu biex japlika għal bankina ġdida għal blokka tal-apartamenti fi Triq L-Isptar San Ġiljan, ma kienx hemm oġġezzjoni u għalhekk ser jitkompla il-proċess;

7.10.3 Rikjesta oħra li saret kienet dwar rikjesta għal- *Loading/Un-Loading bay* mingħand persuna li għandha ħanut fil-parti ta fuq ta Triq tal-Għajn. Dan il-punt ġie diskuss fit-tul biex naraw b'liema mod nistaw nitrattaw dan il punt. Punt li ssemma waqt din id-diskussjoni, hu il-bżonn li jsir *traffic management* fit-triq imsemmija. Peress li din d-diskusjoni hi delikata ġie deċiż li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss;

7.10.4 Rigward is-sitwazzjoni fuq Sqaq L-Andar, is-segretaru qrat ir-risposta mibgħuta mid-direttur Mr. Vassallo. Din ir-risposta ġiet mibgħuta lilu mingħand il-*Lands Authority*. Il-kunsillier Horace Micallef talab li din it-talba għal-informazzjoni tmur diret għand Hon. Alison Zerafa Civelli biex nassiguraw li tingħata r-risposta mid-Department kif suppost;

7.10.5 Ir-residenta Celestina Sciberras talbet lil kunsill kopja tal-minuti minn Marzu 2005 sa Marzu 2008. Peress li dawn id-dokumenti mhux aċċessibli fuq il-*website* ġie irrakomandat li tmur l-librerija publika. Qabel ma ntbgħatet ir-risposta lir-residenta, ġie ikuntatjat l-amminstratur tal-IT biex jinstab mod ieħor kif tista takwista dawn id-dokumenti peress li waqt li ġew trasferiti fil-*website* il-ġdida dawn m'għadhomx aċċessibli għal publiku;

**7.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-08:15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 07 ta' Jannar, 2025 fit-03:30 p.m. bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 07 ta' Jannar 2025

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv